MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 6/2007

**Lorenza Anna Alamango**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Mejju, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tat-22 ta' Settembru 2006, li permezz taghha cahad it-talba ta' Alamango ghal Pensjoni ta' l-Irtirar kif ukoll l-appell taghha ta' l-4 ta' Ottubru 2006.
>
> Id-Dipartiment jikkontendi li hija ma kellhiex in-numru ta' kontribuzzjonijiet rikjest mil-ligi, waqt li

> d-difensur ta’ l-appellanti ssottometta li skond l-Artikolu 46 hija kellha dritt taghmel uzu mill-kontribuzzjonijiet li kienet thallsu mill-mejjet zewgha; id-Dipartiment isostni li l-effett ta’ dan l-Artikolu jidhlu biss jekk l-applikant ikun issodisfa l-ewwel rikjesta cioe` dik li jkun hallas 156 kontribuzzjonijiet.
>
> Skond il-hdax-il skeda ta’ l-Att jidher li biex ikun intitolat, applikant irid ikollu minimu ta’ 157 kontribuzzjonijiet, b’dana kollu l-imsemmi Artikolu 46 ma jiddistingwix bejn dak imhallas mill-applikant u dak imhallas mill-konjugi li jkun gie nieqes.
>
> Ghalkemm jidher li dawn iz-zewg disposizzjonijiet jistghu jinghataw interpretazzjoni differenti, l-Arbitru ma jarax ghaliex ghandu jirrestringi l-effett ta’ l-imsemmi artikolu u ghalhekk id-decizjoni tad-Dipartiment ma kienetx gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.**”**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza d-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghandu essenzjalment aggravju f’dawn it-termini. L-Arbitru ta interpretazzjoni zbaljata ta’ l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 318 abbinat mal-Hdax-il Skeda. Dan fis-sens illi kif minnu sottomess fir-risposta tieghu ghall-gravam ta’ l-appellata quddiem l-Arbitru jigi applikat il-provvediment ta’ l-Artikolu 46 ghal skop tat-tieni rekwizit ta’ l-Artikolu 2 tal-Hdax-il Skeda, ossija ghal kalkolu tal-“*contribution average*”. Fil-kaz prezenti, pero`, dejjem skond l-appellanti, dan it-tieni rekwizit ma setax lanqas biss jigi kkunsidrat in kwantu l-appellata ma ssodisfatx l-ewwel rekwizit (fi kliem l-appellanti “*the first contribution test*”) relattiv ghal prova tal-hlas ta’ “mhux anqas minn 156 kontribuzzjonijiet” [Artikolu 2 (a) tal-Hdax-il Skeda];

Ma jidherx li huwa kontrovers illi l-fatti rilevanti ta’ kull kaz huma kundizzjonati minn zewg fatturi, u cjoe:-

(1) l-individwazzjoni tad-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-ligi li jridu jigu applikati;
(2) l-interpretazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet;

Fil-kaz prezenti jidher li hemm qbil dwar l-applikabilita` tad-disposizzjonijiet ghall-fattispeci. Id-divergenza hi wahda ta' interpretazzjoni;

Hu provdut fl-Artikolu 12 tal-principju generali tal-ligijiet fil-Kodici Civili Taljan illi "*nell' applicare la legge non si puo attribuire altro senso che quello fatto palese dal significato proprio delle parole secondo la connessione di esse, e dalla intenzione del legislatore*". Skond kif imfisser fis-sentenza "**Maria Scicluna -vs- Maria Rose Micallef**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1936, b' riferenza ghal dan id-dispost "b'hekk dak il-Kodici, fuq il-fundament tad-Dritt Ruman u tax-xjenza legali, jistabilixxi z-zewg xorta ta' interpretazzjoni – il-grammatikali u l-logika f'din l-ordni, jigifieri l-ewwel dik u mbaghad din". Xi haga simili nsibu fil-Kodici Civili taghna ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kuntratti in generali – Artikoli 1002 u 1003;

Applikat is-suespost ghal kaz in ezami, is-sinjifikat l-aktar evidenti li johrog mill-ordni grammatikali tal-kliem fil-kuntest tal-proposizzjoni normattiva fil-Hdax-il Sekda hi s-segwenti:-

(1) Ghall-intitolar ta' xi wahda mill-pensjonijiet elenkati fl-Artikolu 2 ta' din l-Iskeda, ried qabel kollox ikun sodisfatt illi l-persuna tkun hallset mhux anqas minn 156 kontribuzzjonijiet [subpara (a)];

(2) L-uzu tal-konguntiv "u" jiddenota illi minn barra l-hlas ta' dawk in-numru ta' kontribuzzjonijiet riedet ukoll tkun sodisfatta l-ipotesi prevvista fis-subparagrafu (b) riferibilment ghall-medja f'sena ta' kontribuzzjonijiet imhallas jew akkreditata lill-persuna;

Dan premess, jidher mill-kuntest tal-ligi fl-Artikolu 46, u bl-uzu tal-lingwagg adoperat fih mil-legislatur, illi ghal skop ta' kalkolu il-medja fis-sens tal-kontribuzzjonijiet imhallsa jew akkreditati, l-armla, kif inhu l-kaz ta' l-appellata odjerna, setghet tipprevalixxi ruhha ghal skop ta' pensjoni mill-ghazla li jippreciza dan id-dispost. Jigifieri (a) "ghal kull wahda mis-snin ta' kontribuzzjoni taghha li jaqghu kollha kemm huma jew parti minnhom qabel il-mewt ta' zewgha", jew (u din hi kelma dizguntiva jew alternattiva) "ghal kull wahda mis-snin ta' kontribuzzjoni taghha li jaqghu kollha kemm huma jew parti minnhom matul il-perijodu taz-zwieg taghha";

Palesament bosta ghal dak li hu l-element guridikament l-aktar rilevanti f'dan il-kaz, l-applikazzjoni tal-kriterju grammatikali jew sintattiku ghandu jwassal, anke mill-mod ta' l-istess struttura tieghu, illi l-Artikolu 46 ghandu kollegament car, univoku u preciz mas-subparagrafu (b) ta' l-Artikolu 2 tal-Hdax-il Skeda izda mhux ukoll mas-subparagrafu (a) tieghu. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tirravviza ebda possibilita ta' xi interpretazzjoni differenti, kif hekk deherlu l-Arbitru li ghandu jkun il-kaz. In-ness huwa ovvju, mill-istess kliem ta' l-Artikolu 46, li kien intenzjonat li jizvolgi l-funzjoni servjenti ghall-komputazzjoni tal-medja fis-sena tal-kontribuzzjonijiet mhallsa jew akkreditati lill-appellata. L-ebda rabta ohra pero mas-sodisfaciment, o meno, tat-test jew rekwizit enuncjat fis-subparagrafu (a) riferibilment ghan-numru specifiku (156) tal-kontribuzzjonijiet effettivament imhallsa. In konkluzjoni, allura huwa l-kaz li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mir-ragonament ta' l-Arbitru u tghaddi biex takkolji l-ilment lilha devolut.

Ghal dawn il-motivi l-appell tad-Direttur qed jigi milqugh u s-sentenza ta' l-Arbitru, revokata, bl-ispejjez jibqghu skond l-uzanza ta' din il-Qorti f' kazijiet konsimili, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------